**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**-vs-**

**Trevor Camilleri, detentur tal-karta tal-identita` numru 205473M**

***Kump. Nru. 727/2015***

Illum 14 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Trevor Camilleri u cioe` talli:

Fis-17 t'April, 1998, f' dawn il-Gzejjer u f'dawn l-ahhar zmienijiet qabel din id-data:

1. Iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li kienu ffalsifikati u cioe` liri Maltin u dan bi ksur tal-artiklu 45 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew rcieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess

tieghu biljetti ta' flus ffalsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati u cioe` liri Maltin skond l-artiklu 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju, 2015[1];

Rat li dak mitlub mill-Avukat Generali sar illum meta regghet inqrat l-akkuza kif emendata;

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-1998, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-27 ta' Novembru, 2017.

Illi d-difiza ssollevat li l-azzjoni odjerna hija preskritta.

Illi r-reati addebitati lill-akkuzat huma dawk li <u>kienu</u> ravvizati bl-artikoli 45 u 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli gew mhassra bl-*Att XLIX tal-2014*.

Illi dawk ir-reati kienu jgorru pieni massimi ta' prigunerija ta' disa u hames snin rispettivament.

Illi l-artiklu 688 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni – ....

(*b*) bl-egħluq ta' <u>ħmistax-il sena</u> għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;

(*ċ*) bl-egħluq ta' <u>għaxar snin</u> għad-delitti suġġetti għal-lpiena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin;

Illi ghalkemm ir-reat sehh fl-1998 u fiz-zmien ta' qabel dik id-data, l-akkuza regghat inqrat illum quddiem din il-Qorti kif preseduta, ferm wara l-gheluq tat-terminu li fiha setghet titmexxa l-azzjoni kriminali dwar l-istess reati.

Ghaldaqstant din il-Qorti, anke kif hija obbligata mill-ligi stess billi tali eccezzjoni hija sollevabbli *ex officio*, qeghda tiddikjara l-azzjoni kriminali

[1] Fol.215

mressqa fil-konfront tal-imputat bhala bhala wahda preskritta u kwindi hija estinta.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**